MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1177/2003

Kawza fil-lista: 27

**A B gia C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici u l-konvenut huma mizzewgin u legalment separati ai termini ta’ kuntratt redatt minn Nutar Reuben Casingena fil-hdax (11) ta’ Awissu 2003 (Dok. A);

Peress illi miz-zwieg tal-attrici mal-konvenut twieldu zewgt itfal li jisimhom E u F li ghadhom minuri peress illi ghandhom seba’ (7) u erba’ (4) snin rispettivament;

Peress illi skond il-klawzola hamsa (5) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kura u l-kustodja tal-minuri E u F tinsab fdata f' idejn l-attrici bi dritt ta' access lil konvenut fil-postijiet u l-hinijiet li jiftehmu l-partijiet;

Peress illi l-konvenut qieghed konstatament jivvjola din il-klawsola hawn fuq imsemmija peress illi ma jaghtix pre-avviz li ser jiehu l-minuri E u F u jippretendi li jehodhom dak il-hin illi jcempel;

U peress illi l-istess konvenut m' huwiex qieghed jadempixxi ruhhu mal-ftehim bejnu u bejn l-attrici u cioe' li ma jgibx l-imsemmija minuri E u F fil-hinijiet miftehmin minnhom u ghalhekk qed jivvjola l-klawsola hamsa (5) hawn fuq imsemmija kif ukoll qed johloq inkonvenjent kbir ghall-attrici;

U peress illi l-istess konvenut qed jezercita id-dritt ta' access tieghu lejn il-minuri E u F b' mod illi mhux idoneju ghal tfal ta' dik l-eta' stante li ma ghandux residenza fissa u jehodhom f' postijiet injoti fi kmamar abusivi u djar ta' persuni li ma jafux u qed icahhad lill-attrici milli tkun taf fejn il-konvenut qed jiehu l-imsemmija minuri;

U peress illi, meta l-konvenut jezercita d-dritt ta' access tieghu huwa jghabbi l-istess minuri uliedu bi kliem goff kontra ommhom l-attrici u kontra n-nanniet materni taghhom, tant li meta jaslu d-dar ikunu tfal kompletament differenti u eventwalment jghidu lill-ommhom l-attrici xi jkun qalilhom missierhom il-konvenut;

U peress illi mhux fl-interess suprem tal-minuri E u F li l-konvenut jibqa' jezercita d-dritt ta' access tieghu b' dan il-mod illi zgur jiddannegja l-izvilupp fiziku, morali u psikologiku taghhom.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut kiser klawsola numru hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li mhux fl-ahjar interess tal-minuri E u F illi jkompli jsir l-access taghhom mill-konvenut b' dan il-mod u konsegwentement tvarja l-klawsola numru hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi billi tordna u tistabbilixxi li l-access tal-konvenut isir darba f' gimgha, f' hinijiet u postijiet stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti u wkoll taht supervizjoni ta' persuna jew persuni li tinnomina l-Qorti u dan fl-aqwa interess tal-minuri E u F;

3. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet precedenti, u tinnomina kuraturi biex jidhru fuq dan l-att minflok il-konvenut jekk dan ikun assenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt biex jixhed ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, ma huwiex minnu illi l-eccipjenti kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 11 ta' Awissu, 2003;

2. Illi l-eccipjenti jixtieq illi l-hinijiet ta' access jibqghu kif stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni u dan peress illi jekk ikollu opportunita' jahdem, huwa jkun jista' jaghmel hekk sabiex ikun jista' dejjem itejjeb il-posizzjoni finanzjarja tieghu u ta' uliedu;

3. Illi zgur li ma huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi l-access li jipprattika l-eccipjenti fil-konfront ta' uliedu jispicca u dan kif qieghda titlob l-attrici;

4. Illi zgur li ma huwiex il-kaz li jkun hemm access taht supervizjoni u dan peress illi qatt ma kien hemm bzonn ghal tali supervizjoni kif fil-fatt ser jirrizulta mill-provi;

5. Illi fit-tielet talba hija zejda u l-eccipjenti ma ghandux ibati l-ispejjez taghha stante li s-sentenza li taghti din l-

Onorabbli Qorti hija bizzejjed u ma hemmx htiega li jigi ppublikat kuntratt iehor bl-ordnijiet li talvolta tista' taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati ta' l-attrici u l-listi tax-xhieda;

Rat il-verbal maghmul mill-partijiet fit-12 ta' Ottubru 2007 li permezz tieghu huma wasslu ghal ftehim dwar il-modalita' ta' l-access tal-konvenut; u li permezz tieghu talbu li l-Qorti taghti sentenza a bazi ta' l-istess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob varjazzjoni tal-klawsola numru hamsa [5] tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali maghmul bejn il-partijiet fil-11 ta' Awissu 2003 u ppubblikat minn Nutar Dottor Reuben Casingena; liema klawsola tikkoncerna l-kura u kustodja ta' uliedhom minuri E u F.

Illi d-dizgwid bejn il-partijiet jimpernja fuq il-modalita' ta' l-access favur il-missier. L-ilment principali ta' l-attrici huwa li l-konvenut qed jikser il-ftehim kontrattwali in propositu.

Illi l-imsemmija klawsola taqra testwalment hekk: "[5] Il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri E u Saschanne ser tkun fdata lill-mara u r-ragel ikollu dritt li jara t-tfal il-minuri darbtejn f' gimgha fil-postijiet u l-hinijiet li jiftiehmu l-partijiet."

Illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2007 mizmuma quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dottor Kenneth Gulia, il-partijiet wasslu ghal dan il-ftehim:

" illi bhala hinijiet ta' access l-konvenut jiehu l-minuri E u F gurnata fost il-gimgha mis-6.00p.m. sat-8.00p.m. liema gurnata ghandha tkun miftehma bejn il-partijiet u darb' ohra fil-weekend liema hinijiet u gurnata tal-weekend ikunu maqbula bejn il-partijiet. Dan l-arrangament huwa

ghal waqt l-iskola. Ghal waqt il-vaganzi tas-sajf jibqa' l-istess arrangament gia miftiehem f' dan l-istess verbal b' dan illi l-hinijiet ta' matul il-gimgha jigu mis-2.00p.m. sad-9.00p.m. F' kaz illi l-missier ikun jixtieq illi jiehu t-tfal Ghawdex ghal zmien mhux itwal minn weekend il-missier ghandu jinforma lill-omm min ser ikun hemm mieghu u mat-tfal. F' dan il-kaz ghandu jinforma lill-omm gimgha qabel. It-tfal ghandhom jingabru u jigu ritornati ghand l-omm. It-tfal m' ghandhomx jigu esposti ghal influwenzi hziena."

Illi dan il-ftehim jikkristalizza dak li jridu z-zewg partijiet in propositu.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba, in vista tal-ftehim milqugh bejn il-partijiet;

[2] tordna li l-access tal-missier ghandu jsir kif fuq stabbilit, u li l-klawsola numru hamsa (5) ta' l-imsemmi kuntratt tigi varjata biex tinkludi t-termini ta' l-imsemmi ftehim;

[3] tinnomina lin-Nutar Dottor Reuben Casingena sabiex jircevi l-Att opportun fi zmien xaharejn mill-lum f' post, gurnata u hin fissati minnu, u tinnomina lill-Avukatessa Dottor Graziella Bezzina sabiex tidher ghall-eventwali kontumacja.

L-ispejjez tar-registru jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, filwaqt li l-kumplament jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------